REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1342/2014

tas-17 ta' Diċembru 2014

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar pollutanti organiċi persistenti fir-rigward tal-Annessi IV u V

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar pollutanti organiċi persistenti u li jemenda d-Direttiva 79/117/KEE ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 7(4)(a) u (5) u l-Artikolu 14(2) u (4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 850/2004 jimplimenta fil-liġi tal-Unjoni l-impenji maqbulin fil-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes (minn hawn 'il quddiem "il-Konvenzjoni") approvat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/507/KE ([2]), f'isem il-Komunità u fil-Protokoll tal-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfinali tal-Arja Fuq Distanza Twila rigward Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes (minn hawn 'il quddiem "il-Protokoll") approvat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 259/2004/KE ([3]), f'isem il-Komunità.

(2) Fir-raba' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni mill-4 sat-8 ta' Mejju 2009, ġie maqbul li jiżdiedu l-klorodekon, l-eżabromobifenil, l-eżakloroċikloeżani, inkluż l-lindan, il-pentaklorobenżen, l-etere tat-tetrabromodifenil, l-etere tal-penta odifenil, l-etere tal-eżabromodifenil u l-etere tal-ettabromodifenil, kif ukoll l-aċidu sulfoniku perfluworottan u d-derivati tiegħu (minn hawn 'il quddiem "PFOS") fl-Annessi tal-Konvenzjoni.

(3) Fid-dawl ta' thassib dwar il-kompletezza u kemm hija rappreżentattiva l-informazzjoni xjentifika dwar il-kwantitajiet u l-konċentrazzjonijiet tal-POP difenileteri bromurati u PFOS fl-oġġetti u l-iskart, dawk is-sustanzi kienu provviżorjament elenkati fl-Annessi IV u V tar-Regolament (KE) Nru 850/2004 mingħajr indikazzjoni tal-limiti ta' konċentrazzjoni massima.

(4) Ġiet ivvalutata d-dejta xjentifika addizzjonali dwar kwantitajiet u konċentrazzjonijiet tal-POP difenileteri bromurati u PFOS fl-oġġetti u l-iskart issa ġiet ivvalutata. Għaldaqstant, hu neċessarju li jiġu stabbiliti limiti ta' konċentrazzjoni massima għal dawn il-materjali organiċi persistenti li jniġġsu mingħajr dewmien bla bżonn biex tkun żgurata l-applikazzjoni uniformi tar-Regolament (KE) Nru 850/2004 u biex jiġi evitat il-ħruġ kontinwu ta dawk is-sustanzi fl-ambjent.

(5) Fis-27 sessjoni tiegħu mill-14 sat-18 ta' Diċembru 2009, il-Korp Eżekuttiv tal-Protokoll iddeċieda li jżid l-eżaklorobutadine, in-naftaleni poliklorinati u l-paraffini klorinati ta' katina qasira mal-Protokoll.

(6) Fil-ħames laqgħa mill-25 sad-29 ta' April 2011, il-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni qablet li żżid l-endosulfan mal-lista ta' materjal organiku persistenti li jniġġes li għandu jiġi eliminati madwar id-dinja, b'xi eċċezzjonijiet.

(7) Fid-dawl tad-deċiżjonijiet meħuda mill-Korp Eżekuttiv tal-Protokoll u l-Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni, hu meħtieġ li jiġu aġġornati l-Annessi IV u V tar-Regolament (KE) Nru 850/2004 biex jiġu inklużi dawk is-sustanzi.

(8) Ir-Regolament (KE) Nru 850/2004 għandu għaldaqstant jiġi emendat skont dan.

(9) Biex jingħata biżżejjed żmien lill-kumpaniji u l-awtoritajiet kompetenti jadattaw għar-rekwiżiti l-ġodda, dan ir-Regolament għandu jibda japplika mit-18 ta' Ġunju 2015.

([1]) ĠU L 158, 30.4.2004, p. 7.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/507/KE tal-14 ta' Ottubru 2004 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes (ĠU L 209, 31.7.2006, p. 1).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 259/2004/KE tad-19 ta' Frar 2004 li għandha x'taqsam mal-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Protokoll tal-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġiż Transkonfini tal-Arja Li Jwassal Ħafna dwar Pollutanti Organiċi Persistenti (ĠU L 81, 19.2.2004, p. 35).

(10) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 39 tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]),

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 850/2004 hu emendat kif ġej:

(1) L-Anness IV jinbidel bit-test fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

(2) L-Anness V hu emendat skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu jibda japplika mit-18 ta' Ġunju 2015.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2014.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

([1]) Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

ANNESS I

"ANNESS IV

Lista ta' sustanzi suġġetti għal dispożizzjonijiet amministrattivi tal-iskart stipulati fl-Artikolu 7

Sustanza	Nru tal-CAS	Nru tal-KE	Limitu ta' konċentrazzjoni riferut fl-Artikolu 7(4)(a)
Endosulfan	115-29-7 959-98-8 33213-65-9	204-079-4	50 mg/kg
Eżaklorobutadin	87-68-3	201-765-5	100 mg/kg
Naftaleni Poliklorinati ([1])			10 mg/kg
Alkani C10-C13, kloru (paraffini klorinati ta' katina qasira) (SCCPs)	85535-84-8	287-476-5	10 000 mg/kg
Etere tat-tetrabromodifenil $C_{12}H_6Br_4O$			It-total ta' konċentrazzjonijiet ta' etere tat-tetrabromodifenil, etere tal-pentabromodifenil, etere tal-eżabromodifenil u etere tal-ettabromodifenil: 1 000 mg/kg
Etere tal-pentabromodifenil $C_{12}H_5Br_5O$			
Etere tal-eżabromodifenil $C_{12}H_6Br_4O$			
Etere tal-ettabromodifenil $C_{12}H_3Br_7O$			
Aċidu u d-derivattivi tiegħu (PFOS) $C_8F_{17}SO_2X$ (X = OH, melħ tal-metall (O-M$^+$), aloġenur, ammid, u derivattivi oħra, inklużi l-polimeri)			50 mg/kg
Dibenżo-p-diossini poliklorinati u dibenżofurani (PCDD/PCDF)			15 μg/kg ([2])
DDT (1,1,1-trikloro-2,2-bis (4-klorofenil) etane)	50-29-3	200-024-3	50 mg/kg
Klordan	57-74-9	200-349-0	50 mg/kg
L-eżakloroċikloeżani, inkluż il-lindan	58-89-9 319-84-6 319-85-7 608-73-1	210-168-9 200-401-2 206-270-8 206-271-3	50 mg/kg
Dieldrin	60-57-1	200-484-5	50 mg/kg
Endrin	72-20-8	200-775-7	50 mg/kg
Ettaklor	76-44-8	200-962-3	50 mg/kg

Sustanza	Nru tal-CAS	Nru tal-KE	Limitu ta' konċentrazzjoni riferut fl-Artikolu 7(4)(a)
Eżaklorobenżen	118-74-1	200-273-9	50 mg/kg
Klorodekon	143-50-0	205-601-3	50 mg/kg
Aldrin	309-00-2	206-215-8	50 mg/kg
Pentaklorobenżen	608-93-5	210-172-5	50 mg/kg
Bifenili poliklorinati (PCB)	1336-36-3 u oħrajn	215-648-1	50 mg/kg ([3])
Mirex	2385-85-5	219-196-6	50 mg/kg
Toksafen	8001-35-2	232-283-3	50 mg/kg
Eżabromobifenil	36355-01-8	252-994-2	50 mg/kg

([1]) Naftaleni poliklorinati tfisser komposti kimiċi bbażati fuq is-sistema taċ-ċirku tan-naftalen, fejn atomu tal-idroġenu wieħed jew iktar jinbidlu b'atomi tal-kloru.

([2]) Il-limitu huwa kkalkulat bħala PCDD u PCDF skont il-fatturi ta' ekwivalenza tossika (TEFs — toxic equivalency factors) li ġejjin:

PCDD	TEF
2,3,7,8-TeCDD	1
1,2,3,7,8-PeCDD	1
1,2,3,4,7,8-HxCDD	0,1
1,2,3,6,7,8-HxCDD	0,1
1,2,3,7,8,9-HxCDD	0,1
1,2,3,4,6,7,8-HpCDD	0,01
OCDD	0,0003
PCDF	TEF
2,3,7,8-TeCDF	0,1
1,2,3,7,8-PeCDF	0,03
2,3,4,7,8-PeCDF	0,3
1,2,3,4,7,8-HxCDF	0,1
PCDD	TEF
1,2,3,6,7,8-HxCDF	0,1
1,2,3,7,8,9-HxCDF	0,1
2,3,4,6,7,8-HxCDF	0,1
1,2,3,4,6,7,8-HpCDF	0,01
1,2,3,4,7,8,9-HpCDF	0,01
OCDF	0,0003

([3]) Fejn applikabbli, għandu japplika il-metodu tal-kalkolu stipulat fl-istandards Ewropej EN 12766-1 u EN 12766-2."

ANNESS II

Fl-Anness V, Parti 2, it-tabella tinbidel bit-tabella li ġejja:

"Skart kif klassifikat fid-Deċiżjoni tal-Kummisjoni 2000/532/KE		Limiti tal-konċentrazzjoni massima tas-sustanzi elenkati fl-Anness IV (1)	Operat
10	SKART MINN PROĊESSI TERMALI	Alkani C10-C13, kloro (paraffini klorinati ta' katina qasira) (SCCPs): 10 000 mg/kg; Aldrin: 5 000 mg/kg; Klordan: 5 000 mg/kg; Klorodekon: 5 000 mg/kg; DDT (1,1,1-trikloro-2,2-bis (4-klorofenil) etane): 5 000 mg/kg; Dieldrin: 5 000 mg/kg; Endosulfan: 50 000 mg/kg; Endrin: 5 000 mg/kg; Ettaklor: 5 000 mg/kg; Eżabromobifenil: 5 000 mg/kg; Eżaklorobenżen: 5 000 mg/kg; Eżaklorobutadjen: 1 000 mg/kg; Eżaklorocikloeżani, inkluż il-lindan: 5 000 mg/kg; Mirex: 5 000 mg/kg; Pentaklorobenżen: 5 000 mg/kg; Aċidu sulfoniku perfluworottan u d-derivattivi tiegħu (PFOS) ($C_8F_{17}SO_2X$) (X = OH, Melħ tal-metall (O-M+), alogenur, ammid, u derivattivi oħra inklużi il-polimeri): 50 mg/kg; Bifenili Poliklorinati (PCB) (3): 50 mg/kg; Dibenżo-p-diossini poliklorinati u dibenżofurani (PCDD/PCDF) (4): 5 mg/kg; Naftalini poliklorinati *: 1 000 mg/kg; It-total ta' konċentrazzjonijiet ta' etere tat-tetrabromodifenil ($C_{12}H_6Br_4O$), etere tal-pentabromodifenil ($C_{12}H_5Br_5O$), etere tal-eżabromodifenil $C_{12}H_4Br_6O$) u etere tal-ettabromodifenil ($C_{12}H_3Br_7O$): 10 000 mg/kg Toksafen: 5 000 mg/kg;	Ħażna permanenti għandha titħalla ssir biss meta l-kundizzjonijiet segwenti kollha jiġu milħuqin: (1) Il-ħażna ssir f'wieħed millpostijiet li ġejjin: — formazzjonijiet sikuri, fondi u taħt l-art fil-blat iebes; — minjieri tal-melħ — sit ta' miżbla għal skart perikoluż, bil-kundizzjoni li l-iskart ikun solidifikat jew parzjalment stabbilizzat fejn dan hu teknikament vijabbli kif meħtieġ għall-klassifikazzjoni tal-iskart fissottoartikolu 1903 tad-Deċiżjoni 2000/532/KE (2) Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE (*) u tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/33/KE (**) kienu rispettati; (3) Kien muri li l-operazzjoni magħżula hija ambjentalment preferibbli
10 01	Skart minn impjanti tal-enerġija u impjanti oħra ta' kombustjoni (minbarra 19)		
10 01 14 * (2)	Rmied tal-qiegħ, gagazza u trab tal-bojler minn ko-inċinerazzjoni li jkun fiha sustanzi perikoluż		
10 01 16 *	Irmied li jtir minn ko-inċinerazzjoni li jkun fih sustanzi perikoluż		
10 02	Irmied mill-industrija talħadid u l-azzar		
10 02 07 *	Skart solidu mit-trattament tal-gass li fih sustanzi perikoluż		
10 03	Skart mill-metallurġija termali tal-aluminju		
10 03 04 *	Gagazzi primarji tal-produzzjoni		
10 03 08 *	Gagazzi tal-melħ minn produzzjoni sekondarja		
10 03 09 *	Ħmieġ iswed tal-metall minn produzzjoni sekondarja		
10 03 19 *	Gass taċ-ċmieni li fih sustanzi perikoluż		
10 03 21 *	Partiċelli oħra u trab (inkluż trab minn mitħna bl-isferi) li fihom sustanzi perikoluż		
10 03 29 *	Skart mit-trattament tal–gagazzi tal-melħ u ħmieġ iswed tal-metall li fih sustanzi perikoluż		
10 04	Skart minn metallurġija termali taċ-ċomb		
10 04 01 *	Gagazza minn produzzjoni primarja u sekondarja		

"Skart kif klassifikat fid-Deċiżjoni tal-Kummisjoni 2000/532/KE		Limiti tal-konċentrazzjoni massima tas-sustanzi elenkati fl-Anness IV [1]	Operat
10 04 02 *	Ħmieġ tal-metall u xkuma minn produzzjoni primarja u sekondarja		
10 04 04 *	Trab mill-gass taċ-ċmieni		
10 04 05 *	Partikulati oħra u trab		
10 04 06 *	Skart solidu mit-trattament tal-gass		
10 05	Skart minn metallurġija termali taż-żingu		
10 05 03 *	Trab mill-gass taċ-ċmieni		
10 05 05 *	Skart solidu mit-trattament tal-gass		
10 06	Skart minn metallurġija termali tar-ram		
10 06 03 *	Trab mill-gass taċ-ċmieni		
10 06 06 *	Skart solidu mit-trattament tal-gass		
10 08	Skart minn metallurġija termali oħra mhux ferruża		
10 08 08 *	Gagazza tal-melħ minn produzzjoni primarja u sekondarja		
10 08 15 *	Trab mill-gass taċ-ċmieni li fih sustanzi perikoluż		
10 09	Skart mill-ikkastjar ta' bċejjeċ ferruż		
10 09 09 *	Trab mill-gass taċ-ċumnija li fih sustanzi perikoluż		
16	SKART MHUX SPEĊIFIKAT MOD IEĦOR FIL-LISTA		
16 11	Refrattorji u żilġ tal-iskart		
16 11 01 *	Żilġ ibbażat fuq il-karbonju u refrattorji minn proċessi metallurġiċi li fihom sustanzi perikoluż		
16 11 03 *	Żilġ u refrattorji oħra minn proċessi metallurġiċi li fihom sustanzi perikoluż		

"Skart kif klassifikat fid-Deċiżjoni tal-Kummisjoni 2000/532/KE		Limiti tal-konċentrazzjoni massima tas-sustanzi elenkati fl-Anness IV [1]	Operat
17	SKART TAL-KOSTRUZZJONI U TWAQQIGĦ (INKLUŻ ĦAMRIJA IMĦAFFRA MINN SITI KKONTAMINATI)		
17 01	Konkos, briks, madum u ċeramika		
17 01 06 *	Taħlitiet ta', jew frazzjonijiet separati ta', konkos, briks, madum u ċeramika li fihom sustanzi perikoluż		
17 05	Ħamrija (inkluża ħamrija imħaffra minn siti kontaminati), ġebel u ħama mitħammil		
17 05 03 *	Ħamrija u ġebel li fihom sustanzi perikoluż		
17 09	Skart ieħor tal-kostruzzjoni u tat-twaqqigħ		
17 09 02 *	Skart tal-kostruzzjoni u tat-twaqqigħ li fih il-PCB, ħlief tagħmir li fih il-PCB		
17 09 03 *	Skart ieħor tal-kostruzzjoni u tat-twaqqigħ li fih sustanzi perikoluż		
19	Skart minn faċilitajiet għall-immaniġjar tal-iskart, impjanti mhux fuq is-sit għat-trattament tal-ilma mormi u l-preparazzjoni tal-ilma MAĦSUB għall-konsum mill-bniedem u ilma mill-użu industrijali		
19 01	Skart mill-inċinerazzjoni jew piroliżi tal-iskart		
19 01 07 *	Skart solidu mit-trattament tal-gass		
19 01 11 *	Irmied tal-qiegħ u gagazza li fihom sustanzi perikoluż		

"Skart kif klassifikat fid-Deċiżjoni tal-Kummisjoni 2000/532/KE		Limiti tal-konċentrazzjoni massima tas-sustanzi elenkati fl-Anness IV (1)	Operat
19 01 13 *	Irmied li jtir li fih sustanzi perikoluż		
19 01 15 *	Trab tal-bojler li fih sustanzi perikoluż		
19 04	Skart vitrifikat u skart mill-vitrifikazzjoni		
19 04 02 *	Irmied li jtir u skart mit-trattament tat-trab li joħroġ miċ-ċmieni		
19 04 03 *	Faża solida mhux vitrifikata		

(1) Dawn il-limiti japplikaw esklussivament għal sit ta' miżbla għall-iskart perikoluż u ma japplikawx għall-faċilitajiet ta' ħażna taħt l-art permanenti għall-iskart perikoluż, inklużi l-minjieri tal-melħ.

(2) Kull skart immarkat b'asterisk '*' hu kkunsidrat bħala skart perikoluż skont id-Direttiva 2008/98/KE u huwa suġġett għad-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva.

(3) Għandu japplika l-metodu ta' kalkulazzjoni mniżżel fl-istandards Ewropej EN 12766-1 u EN 12766-2.

(4) Il-limitu hu kkalkulat bħala PCDD u PCDF skont il-fatturi ta' ekwivalenza tossika (TEFs) segwenti:

PCDD	TEF
2,3,7,8-TeCDD	1
1,2,3,7,8-PeCDD	1
1,2,3,4,7,8-HxCDD	0,1
1,2,3,6,7,8-HxCDD	0,1
1,2,3,7,8,9-HxCDD	0,1
1,2,3,4,6,7,8-HpCDD	0,01
OCDD	0,0003
PCDF	TEF
2,3,7,8-TeCDF	0,1
1,2,3,7,8-PeCDF	0,03
2,3,4,7,8-PeCDF	0,3
1,2,3,4,7,8-HxCDF	0,1
1,2,3,6,7,8-HxCDF	0,1
1,2,3,7,8,9-HxCDF	0,1
2,3,4,6,7,8-HxCDF	0,1
1,2,3,4,6,7,8-HpCDF	0,01
1,2,3,4,7,8,9-HpCDF	0,01
OCDF	0,0003

(*) ĠU L 182, 16.7.1999, p. 1.

(**) ĠU L 11, 16.1.2003, p. 27."